MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2007

Numru 1041/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs**

**Richard Flattley**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Richard Flattley ta’ 54 sena iben James u Rita nee Buttigieg imwieled San Ġiljan fil-11 t’April 1951 u li joqgħod ‘Kaya Lodge’ Triq il-Wassliet, Swieqi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 328251 (M)

Talli f’dawn il-Gżejjer, u cioe’, fix-xahar ta’ Ottubru 2005, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda

1. ikkommetta serq ta' żewġ cheque books tal-Bank of Valletta plc minn ġo vettura tal-marka Volkswagen Golf bin-numru tar-reġistrazzjoni EAL 425 għad-detriment ta' Marcel Bonello detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 511066 (M);

2. għamel ħsara volontarja lill-istess vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EAL 425 liema ħsara ma teċċedix il-Lm50 Maltija għad-detriment ta' Marcel Bonello detentur tal-karta ta' l-identita' numru 511066 (M);

3. ikkommetta serq ta' number plate bin-numru RCH 581 għad-detriment ta' Rachel Agius detentriċi tal-karta ta' l-identita' 276781 (M);

4. ifflasifika ċedola, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas jew jieħu l-kunsinna ta' l-oġġetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku jew minn bank jew stabbilment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern għad-detriment ta' Bonello Limited u persuni oħra;
(Dan bi ksur ta' l-artikolu 167(10 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

5. talli xjentiment għamel użu minn ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra fflasifikati msemmija fl-imputazzjoni (4) (U dan bi ksur ta' l-artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. b'mezzi kontra l-Liġi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq ieħor , ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabeix iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa ta' ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elf lira Maltija imam anqas minn Lm10,000 bi ħsara ta' Touch Wood Antiques Limted ta' Birkirkara, North Pole Limited ta' San Ġwann, Qronfla Flower Shop ta' Ħal-Balzan, Country Flowers ta' Santa Venera, Orienta ta' Ħal-Lija u Light and Design tal-Mosta u persuni oħra ( udan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309, u 310(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal, biegħ jew mexxihom. (Artikolu 334 tal-Kap 9).

8. u illi b'hekk sar reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-27 ta' Marzu 2001.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-fedina penali ta' l-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu bin-numru 3282 ta' l-1951, l-istqarrija ta' l-imputat, ir-ritratti esibiti bħala Dok KB, l-istima tal-ħsara (Dok AB), ic-cheques immarkati JF, AA u MM, is-sentenza fl-ismijiet 'L-Ispettur Mario Calleja versus Richard Flttely et' tas-27 ta' Marzu 2001 a fol.92 fejn l-imputat kien immultat Lm200, id-Dok KB 4 (fol.103 - 120); ic-cheque KB 5, id-dok FP (fedina penali ta' l-imputat), l-irċevuta Dok FA, vera kopja ta' cheque u l-arttkoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fl-10 ta' Mejju 2007.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Qrat fis-seduta tas-17 t'Ottubru 2007 l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fejn intqal li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt l-artikoli (a) 18, 284, 285 u 325 tal-Kap 9; (b) fl-artikoli 167, 169, 308, 309, 310, 334, 49, 50 u 533 tal-Kap 9.

Semgħet lill-imputat jiddikjara li huwa ried li l-każ tiegħu tinstema' minn din il-Qorti (seduta tas-17 t'Ottubru, 2007);

Semgħet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet dedotti kontrih;

Semgħet lill-imputat jikkonferma din l-ammissjoni wara li ngħata ħin xieraq biex jaħsibha.

**Isegwi li ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn kienu ppruvati skond il-Liġi. Il-Qorti iżda għandha r-riżervi tagħha**

**dwar waħda mill-imputazzjonijiet dwar il- falsifikar. Ir-raġunijiet jidhru aktar 'l isfel.**

Ikkonsidrat

**Il-fatti fil-qosor.**

Stante l-ammissjoni, il-fatti jistgħu jsir sommarju tagħhom kif ġej. Effettivament l-imputat ammetta li seraq iċ-ċheques mill-karozza EAL 425 u biex seraq ikkaġuna ħsara li tammonta għal Lm7.86.

Ikkonsidrat li l-Pulizija għamlet perkwiżżjoni fid-dar ta' l-imputat minn fejn elevat diversi oġġetti li allegatament kienu nxtraw minn diversi ħwieent permezz taċ-cheque book ta' Bonello Limited.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat ammetta li kien ikun hu li jmur fid-diversi ħwienet b'vetturi differenti u li kien ikollu wkoll iċ-cheques ta' Bonello Limited. (Ara fol.29 seq).

**Xhieda tal-Prosekuzzjoni**

Antoinette Bonello xehdet kif sabu l-ħġieġa tan-naħa tad-driver – il-quarter window – imkissra u sabu nieqsa żewġ cheques tal-Bank of Valletta (fol.33) li kienu tal-kumpanija Bonello Limited. L-ispejjeż telgħu Lm20 Labour u Lm7.86 il-prezz tar-rear window. (Lm27.86).

Joanna Falzon xehdet li ngħatat ċekk li kien ffirmat qabel u li mliet quddiem d-delivery man. Dan iċ-ċekk kien għal tliet water dispensers. Iċ-ċekk kien jammonta għal Lm210.

Angela Attard għarfet xi oġġetti li ttieħdu mill-ħanut u ċ-ċekk li kien jammonta hħal Lm360.(fol.62).

Mark Muscat, impjegat ma' Louis Micallef Co Ltd esebixxa ċekk li jammonta għall-Lm147.75 għall-affarijiet

li ttieħdu mill-ħanut għalkemm meta ntwera l-oġġetti li kien jidhru fir-ritratti (Dok DB fol.28) ma rax l-affarijiet li kienu ttieħdu.(ara fol.78a).

L-Ispettur Kevin Borg esibixxa s-sentenza tas-27 ta' Marzu, 2001. (fol.91 u 92).

Marika Deguara, manager tal-BOV, xehdet li kien sar stop payment fuq iċ-ċekkijiet bin-numru 4489, 4535, 4547, 4580. (Kont 14805498010 ta' Bonello Limited) Kien hemm stop payments ukoll fuq cheques 802, 852, 876, 892, 894 sa 900 fuq kont ieħor – 14807647018 (fuq Marcel u Antoinette Bonello). Kien hemm ukoll rapport dwar master card li twaqqfet fid-9 t'Otturbu 2005.

WPS 95 Jean Farrugia xehdet li kien insteraq basket minn karozza u ġo fih kien hemm żewġ cheque books. Kien saret tfittxija fid-dar ta' l-imputat u kienu elevate diversi affarijeit. Iċ-ċekkijiet kienu nsterqu minn karozza fejn id-Detox u bihom inxtraw l-affarijeit relatati mal-Milied. Din ix-xhud żaret lill-VCD Limited, Country Flowers, il-Qronfla u North Pole in konnessjoni mas-serq. Wara din l-informazzjoni setgħet tagħmel it-tfittxija.

Joseph Grima ta' J Grima and Sons Limited xehed li kienet marret persuna u ħadet funtan u Christmas tree 8 feet fibre optic. (129). Huwa għaraf lill-imputat. Huwa għaraf xi affarijiet (a fol 133). Huwa tħallas b'ċekk ta' Lm250 lira Maltija (fol.134).

Trevor Grech xehed li mit-Touchwood Antiques kienu ttieħdu żewġ Toby jugs, arloġġ, clock u set (fol.137). Iċ-cheque, li kien jammonta għal Lm240 kien maħruġ minn Bonello Limited. Iċ-ċekk kien iffirmat u kitbu x-xhud.

Rebecca Cilia ikkonfermat iċ-ċhque li għalih saret referenza fil-paragrafu ta' qabel.

Rita Meilaq ta' Orienta Shop ikkonfermat bil-ġurament li kienu ittieħdu mill-ħaut b'kemm jsiwew Lm150 affarijiet.

Dr.Rachel Agius xehdet li kienu tteħdulha n-number plates tal-karozza tagħha. (fol.198).

Marcel Bonello ikkonferma li ċ-cheque books ittieħdu mill-karozza EAL 425 Golf Volswagen blu. Cheque minnhom kien tal-kumpanija Bonello Limited u l-ieħor kien tiegħu u tal-mara. (fol.204). Bħala cheques intużaw xi erbgħa jew ħamsa Huwa kkalkula l-valur għal madwa Lm200.

**Imputazzjoni u artikoli dwar falsifkar. (Imputazzjonijiet 4 u 5) (Artikoli 167 u 169 tal-Kap 9)**

Il-Qorti fliet ukoll kemm l-istqarrija ta' l-imputat kif ukoll dak li qalu xi xhieda dwar iċ-ċekkijiet. Iċ-ċekkijiet jidhru li kienu ffirmati minn qabel u l-figura kienet tintela' minn tal-ħanut. Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat qal li (a) iċ-ċekkijiet kien jagħtihomlu ċertu Joe Borg ġo envelope u l-imputat imbagħad imur fil-ħanut li kien jindikalu. L-imputat kien jitħallas talli jagħmel dan jew bi flus jew mod ieħor; (b) l-imputat qatt ma mela ċekkijiet. Ġilei ċ-ċekkijiet kienu jkunu mimlijin u ġieli kien jimla ċ-ċekk tal-ħanut; (ċ) iċ-ċekkijiet dejjem kienu jkunu iffirmati. **Għalhekk, waqt li l-imputat qed jinstab ħati li xjentement għamel użu mid-dokumenti (il-ħames imputazzjoni), ma jirriżultax li kien hu li b'xi mod iffalsifika d-dokument (ir-raba' imputazzjoni).**

Il-Qorti, wara li rat l-ammissjoni ta' l-imputat, u wara li rat l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali, jiġifieri 18, 284, 285 u 325(1) (c); 167, 169, 308, 309, 310(1)(b), [1]334, 49, 50 u 533 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-ħames, is-sitta u t-tmien imputazzjoni waqt li qed (a) tilliberah mir-raba' imputazzjoni; (b) ma tiħux konjizzjoni tas-seba' imputazzjoni għaliex dina hija alternattiva għall-ewwel u għas-sitt imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti nnotat li l-imputat wettaq serje ta' serqiet bl-akbar waħda tammonta għal Lm360 u li dan sar b'ċekkijiet misruqa għalkemm mhux iffirmati jew mimlija

[1] Għax l-akbar serqa hija ta' Lm360. Il-Prosekuzzjoni għaddet kollox f'daqqa. Dan mhux ġuridikament korrett għax l-imputat wettaq serje ta' serqiet u mhux waħda li fiha ħa elf lira Maltija f'daqqa.

mill-imputat; li saret ħsara fil-karozza EAL 425; nsterqet number plate ta’ karozza u l-imputat huwa reċidiv.

L-elementi pożittivi kienu li, skond l-Uffiċjal Prosekutur, l-imputat ta l-affarijiet bla lill-forzi tal-Pulizija bla ħafna dewmien meta saret it-tfittxija u li kkopera mal-Pulizija waqt l-istqarrija.

L-ammissjoni ma saritx mal-ewwel u l-fedina penali mhix nadifa.

Għal dak li hu assorbiment il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu jikkummenta hekk:

‘So that such inseparability may cause the two violations to merge into one single offence, it is necessary that it be **natura**l and **juridical** and **not merely accidental**; in other words, it is necessary that the agent cannot will one without necessarily willing the other.

Omissis

It is **only** when the divers violations are **naturally** or **legally** inseparable that they constitute one single offence of which the concurrent violations are merely constituent parts or ingredients.’[2]

Għalhekk il-Qorti, fid-dawl ta’ dana l-insenjament, qed tiddeċiedi li hemm assorbiment bejn il-ħames u s-sitt imputazzjoni bis-sitt imputazzjoni assorbita fil-ħames imputazzjoni. Il-Qorti, wara li rat ukoll l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 flimkien ma’ l-artikoli diġa’ msemmija b’dan illi l-imputazzjoni taħt l-artikolu 169 (il-ħames imputazzjoni) tibqa’ l-aktar waħda serja f’dik li hija piena, **qed tikkundanna lill-imputat għal tmintax-il xahar (18) priġunerija mil-liema piena għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għadda taħt arrest preventiv minħabba dan il-każ.**

[2] Professur Anthony Mamo Notes on Criminal Law Part I pages 157 u 158

Il-Qorti m’hi qed tagħmel ebda kundanna taħt l-artikolu 533 tal-Kap 9għaliex ma nħatar ebda perit fil-mori tal-proċess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------